

Brussell, 19 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8776/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0154(COD)

CODEC 498
JAI 485
ASIM 33
STATIS 24
PE 28

NOTA TA' INFORMAZZJONI

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | ADOZZJONI TA' ATTI LEGALI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew, (Brussell, mis-17 sad-19 ta' Ġunju 2020) |

I. VOTAZZJONI

Fis-17 ta' Ġunju 2020, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni legiſlattiva tal-Parlament Ewropew huwa meħmuż ma' din in-nota.

¹ ST 15300/19 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali *****II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali (15300/1/2019 – C9-0102/2020 – 2018/0154(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15300/1/2019 – C9-0102/2020),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0307),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0108/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Testi adottati tas-16.4.2019, P8_TA(2019)0359.
